Kunsill Lokali L-Iklin Local Council

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 38 – L-ERBGĦA 20 TA' OTTUBRU 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**38.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

38.1.1 Ġiet ippreżentata ittra elettronika ta' apoloġija mibgħuta mill-Kunsillier Bernice Farrugia biex tkun skużata mil-laqgħa minħabba mpenji tax-xogħol. *Nem con*.

**38.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

38.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (37) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Emanuel Zammit issekondah.

38.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 38.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

38.3.1 Ma kienx hemm.

## 38.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

38.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras talab sospensjoni tar-regolamenti biex jiġi diskuss item no 38.8 'Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report Jan – Sett 2021' minflok item no. 38.6 'Rapport tal-Korrispondenza u l-Ilmenti'. *Nem con*.

38.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-*Quarterly Financial Report* li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Settembru 2021.

38.4.3 L-Accountant għadda biex jagħti sommarju tar-Rapport Finanzjarju u ppreżenta l-iStatement of Income and Expenditure, l-istatement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position & Depreciation of Property, Plant & Equipment.

Matul dan il-perjodu, ir-Rapport juri *surplus* ta' Eur4,131. L-allokazzjoni finanjarja (subvention) għal dan il-perjodu kien ta' Eur224,016. Kien innutat żieda sostanzjali fid-dħul mill-permessi li joħroġ il-Kunsill bl-ammont ta' Eur19, 200 fl-ewwel disa xhur ta' din is-sena u d-deprezzament kien ta' Eur29,717c. Irrimarka li WasteServ trid tgħaddi l-ammont ta' Eur15,697 lill-Kunsill. L-Accountant informa wkoll li kienet daħlet *tranche* oħra ta' Eur74,672 bil-quddiem.

Ikkonkluda li meta tħares lejn il-*Financial Situation Indicator*, juri qagħda finanzjarja ferm tajba ta' 64% li jfisser li meta wieħed iħares lejn *Current Assets* u l-*Current Liabilities*, toħroġ il-figura ta' Eur189,764 (Net Current Assets).

38.4.4 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

38.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprovaw l-*Quarterly Financial Report*.

38.4.6 Ir-Rapport Finanzjarju kien approvat *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 38.5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

38.5.1 Is-Sindku Dott. Sciberras iforma li fi Triq il-Wied għad għandna problema kbira bl-ispralli tal-ilma tax-xita u l-*manholes* minħabba l-ħsejjes li mhux qed iħallu r-residenti jgħixu b'mod trankwill fi djarhom.

Informa li kien iltaqa ma' Engineer indipendenti fejn saret spezzjoni fuq il-post biex iħejji rapport biex ikun jista jiġi ppreżentat lill-Aġenzija Infrastructure Malta. Is-Sindku spjega li meta vettura tgħaddi minn fuq l-imsemmija spralli, il-ħoss iġġenerat jista jkun kawża ta' diversi fatturi fosthom it-tip ta' *gutters* li ġew implimentati, il-materjali differenti fuq it-triq fejn kull darba li tgħaddi vettura minn fuq l-imsemmija *rain-water gutters*, hemm materjali differenti bejn l-asphalt, concrete, u l-ħadid (tal-ispralli tal-ilma tax-xita) li jiġġeneraw ħsejjes kull darba li vettura tirfes jew tgħaddi minn fuq l-imsemmija spralli.

Is-Sindku semma wkoll li t-tip ta' gradilja użata għandha bħal rib li meta *tyre* ta' vettura tgħaddi minn fuqu qed jiġġenera l-ħoss li huwa tedjanti għar-residenti li jgħixu fi Triq il-Wied 24/7. Wieħed irid ukoll jikkunsidra l-volum ta' traffiku li jgħaddi mill-imsemmija triq u l-veloċità li ċertu vetturi jgħaddu fit-triq.

Kompla billi qal li huwa żar lokalitajiet oħra fejn ġew introdotti dawn l-ispralli tal-ilma tax-xita però jinnota li l-ispralli huma kemmxejn differenti għaliex minflok *rib* li rrifera għalih aktar 'il fuq jidher bħal *groove* u dan jista jagħmel ukoll id-differenza.

Ikkonkluda li l-Kunsill irid jistenna r-rapport tal-Engineer biex naraw x'ser jirriżulta. Fil-frattemp, jidher li l-Perit mill-Aġenzija Infrastructure Malta ma ħadet l-ebda forma ta' azzjoni u ma rċevejna l-ebda risposta.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li l-Kunsill għandu l-Avukat *on stand-by* biex malli l-Kunsill ikollu r-rapport f'idejh, nibdew diskussjoni 'l fuq minn sempliċi korrispondenza bl-emails. Is-Sindku żied jgħid li ma jeskludix li jkollu jagħmel xi tip ta' mandat biex iżomm lill-kuntrattur milli jitlaq minn fuq il-lant tax-xogħol.

Is-Sindku qal li rridu soluzzjonijiet u ma kellu l-ebda intenzjoni li joqgħod jilgħab bil-*Press Conferences* jew *Press Calls* jew jilgħab il-logħba partiġġjana. Qed jistenna biss soluzzjonijiet billi nduru madwar mejda bejn l-*istakeholders* konċernati fuq dan il-proġett u naraw x'hemm bżonn isir.

Is-Sindku qal li tant is-sitwazzjoni tal-ħsejjes hija waħda insapportabbli li sabuh resident/i li jridu jbiegħu l-proprjetà. Residenti oħra li għandhom professjoni f'dan il-mestier qed jikkunsidraw *avenues* differenti biex jitneħħa dan l-inkonvenjent.

Ikkonkluda li huwa persważ li ħadd ma ppjana dan l-inkonvenjent imma din is-sitwazzjoni trid tissolva.

38.5.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-*Community Police* ser jibdew joperaw mill-Għassa ta' Ħal Balzan. Bil-pjaċir kollu qal li din hija inizjattiva sabiħa ħafna u żgur li l-lokalità se tmur 'il quddiem. L-ideja hija tajba għaliex l-Uffiċċjali se jkunu qed jagħmlu foot patrol, u jużaw transport alternattiv permezz tar-rota u segways.

38.5.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fil-jiem li ġejjin se jkun qed isir xogħol fuq Triq Erin Serracino Inglott biex issir *raised hump*, stallazzjoni ta' *belisha beacon lights* u l-implimentazzjoni ta' *collapsible bollards* biex intejbu l-immaniġġjar tat-traffiku f'din iż-żona u b'hekk inkunu qed nagħlqu kapitlu ieħor fuq l-ilmenti li rċieva dan il-Kunsill dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fl-imsemmija triq. Ix-xogħol huwa skedat għal nhar l-1 u t-2 ta' Novembru u qal li kien ser jintbagħat avviż f'kull residenza, lis-sidien tan-negozji u sidien tal-*garages* biex ikunu mgħarrfa bl-egħluq tat-triq b'mod temporanju biex isiru x-xogħlijiet u dan dejjem jekk it-temp ikun jippermetti.

## 38.6 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

38.6.1 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa illi jekk jirriżulta li l-kuntrattur ikun għamel xogħol ħażin fuq l-ispralli tal-ilma tax-xita u l-*manholes* tad-drenaġġ fi Triq il-Wied, dan ikun ifisser li tkun trid terġa tinqala t-triq?

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li jkun jippreferi li jiġri hekk milli r-residenti jibqgħu jiffaċċjaw dawn l-inkonvenjenzi.

38.6.2 Il-Kunsillier Godwin Catania ikkummenta dwar l-ispralli tal-ilma tax-xita li ġew implimentati fi Triq il-Wied fejn semma li dawn kienu ġew mibdula mill-kuntrattur peress li ntqal li kienu ta' kwalità inferjuri.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-kuntrattur verament biddel il-materjali però d-diffikultà tal-ħsejjes baqgħet hemm. Żied jgħid li mhux għax sar xogħol ħażin u persważ li ħadd ma ħaseb li dan it-tip ta' gradilji fi triq residenzjali ser iħallu dan l-impatt negattiv.

Is-Sur Godwin Catania staqsa jekk nistgħux inkellmu lill-Aġenzija Infrastrcucture Malta biex tinforma lill-kuntrattur biex l-ispralli tal-ilma bix-xita jitpoġġa fuq *rubber* biex ikun eliminat il-ħoss.

Is-Sindku wieġeb li f'din is-sitwazzjoni ħadd ma basar x'ser jiġri imma b'xi mod trid tissolva.

38.6.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet jekk l-ispralli tal-ilma tax-xita setgħux isiru fil-ġnub tat-triq taħt il-bankini?

Is-Sindku wieġeb li l-*istorm water* kien iddisinjat speċifikament għal din it-triq.

38.6.4 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk din is-sena hux se terġa tingħata l-vaċċin kontra l-influenza mis-Sala tal-Kunsill.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill kien għad ma rċieva l-ebda komunikazzjoni uffiċċjali però jidher li din is-sena l-vaċċin kontra l-influenza ser tingħata fil-Klinika tal-Gvern – B'Kara.

38.6.5 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar il-clean up li kellha ssir f'għalqa li hemm biswit it-triq Dott. Pawlu Grech k/m Triq Erin Serracino Inglott.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li wara ħafna stennija ta' xhur jekk hux snin, il-Kunsill issottometta applikazzjoni permezz tal-Perit tal-Kunsill lill-Awtorità tal-Artijiet biex nottjenu konċessjoni temporanja biex il-kuntrattur ikun jista jaċċessa din l-għalqa permezz ta' makkinarju biex inaddaf l-akkumulu ta' materjal li ntefa b'mod abbużiv f'din l-għalqa. Il-permess ħareġ mill-Awtorità bil-kundizzjoni li tiġi provduta public liability mill-kuntrattur li ser jesegwixxi x-xogħol u s-servizz tal-indafa se jsir fil-jiem li ġejjin. L-ispiża ser jassorbiha l-Kunsill u b'hekk nagħlqu l-ilmenti kollha li ilhom rikorrenti għal dawn l-aħħar snin.

## 38.7 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

38.7.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn iT-28 ta' Settembru u t-18 ta' Ottubru 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

38.7.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1720/21. Ċirkolari nru. 9/21 – Pagamenti mill-Kunsilli Lokali lill-ħaddiema tal-iskejjel.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li ma tapplikax fil-każ tal-Kunsill Lokali L-Iklin.

38.7.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1740/21. Wirt kulturali intanġibbli.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li F'Marzu 2017, il-Parlament Malti approva b'mod unanimu li jirratifika l-konvenzjoni tal-2003 tal-UNESCO dwar il-Ħarsien tal-Wirt Kulturali Intanġibbli u saret ir-ratifikazzjoni uffiċċjali mal-UNESCO. Inbeda l-kuntatt mal-UNESCO u f'Jannar/Frar 2018 ġiet Malta esperta nnominata mill-UNESCO Marina Calvo sabiex tagħti pariri lid-Direttorat tal-Kultura dwar kif għandha titwaqqaf struttura nazzjonali u jingħata bidu għall-proċess ta' inventarju nazzjonali.

Saret anke laqgħa pubblika biex jibda jitrawwem dan l-għarfien. Fuq parir tal-esperta nnominata mill-UNESCO, kien twaqqaf il-Bord tal-Wirt Kulturali Intanġibbli.

Dan il-Bord irid jilqa' l-applikazzjonijiet u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu jekk proposti mill-komunita' u mill-individwi jistħoqqilhomx ikunu fuq l-inventarju nazzjonali u jekk dan ikun il-każ għandux jibda l-proċess biex issir in-nominazzjoni lill-UNESCO biex l-element intanġibbli jikseb għarfien mondjali u jiddaħħal fil-lista tal-ħarsien tal-wirt kulturali ntanġibbli tal-UNESCO.

Is-Sindku ikkonkluda li hemm ħames dominji li l-Konvenzjoni tirrakkomanda:

1. Il-lingwa kif mitkellma u l-espressjonijiet li jintqalu u li bdew jintilfu.
2. L-arti performattiva.
3. Prattiċi mħaddma fis-soċjeta, ritwali u festivals.
4. Għarfien u prattiċi marbuta man-natura u l-univers.
5. Snajja' u ħiliet artiġjanali.

38.7.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1746/21. Festin tal-Milied għat-tfal.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li dan qed jiġi organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għat-tfal tas-Sindki, Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill.

38.7.5 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar korrispondenza nru. 1731/21. Talba ghall-informazzjoni dwar l-*istorm water culverts* ta' Triq il-Wied.

38.7.6 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1752/21. Applikazzjoni għall-implimentazzjoni ta' *traffic mirrors* fi Triq Ċensu Busuttil.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li kienu saru talbiet dwar il-periklu li hemm fil-junction ta' Triq Ċensu Busuttil k/m Triq Mons. P.P. Saydon, Triq Alfons Marija Galea, u Triq Patri Marjanu Vella. Saret talba lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex il-Kunsill jottjeni l-approvazzjoni tal-Awtorità.

**COMPLAINTS SHEET (28 ta' Settembru - 18 t'Ottubru 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 216 | 28/09/2021 | Kumpanija privata jħallu kull tip ta' żibel ma' residenza nru. 19, Triq Ġ. Abos. | Pending | 19,Triq Ġ.Abos | **Council** |
| 217 | 29/09/2021 | Ilment dwar arblu fit-Triq K.Vassallo tmexxa fuq bankina oħra meta kien hemm xogħlijiet għaddejjin fuq żvilupp tal-bini. | Pending | Triq K.Vassallo | **Council** |
| 218 | 01/10/2021 | Bankina sfrundata quddiem 12/1 Triq A M Galea | Settled | Triq A M Galea | **Council** |
| 219 | 01/10/2021 | Hemm difett fuq il-bankina fi Triq G.E. Mercer quddiem nru. 34 u qed joħorġu l-ġrieden minnha. Biex isir re-instatment. | Settled | Triq Ġ.E. Mercer | **Council** |
| 220 | 04/10/2021 | Hemm bozza maqtugħa fi Triq Alfred Gerada. Din ilha ħafna maqtugħa. | pending | Triq Alfred Gerada | **ENEMALTA** |
| 221 | 04/10/2021 | Talba biex it-toroq Triq il-Ħarruba u Triq il-Plejju jiġu re-surfaced. | pending | Triq il-Plejju/Triq il-Ħarruba | **Council** |
| 222 | 08/10/2021 | Vettura ħabtet fi crash barrier fil-Bypass ta' Birkirkara faċċata ta' stabbiliment tan-negozju u l-bankina mhiex aċċessibbli. | sent email | Triq Dun Karm | **TM** |
| 223 | 11/10/2021 | Hemm re-instatement tat-tappiera ta' quddiem nru. 44 inqala' u qed iżomm l-ilma. | Pending | Triq Ġeronimo Abos | **W.S.C** |
| 224 | 11/10/2021 | Talba għal *double yellow line* quddiem garaxx ta' terzi maġenb entratura bil-garaxxijiet fi Triq PM Vella għaliex qed jipparkjaw il-vetturi quddiemu u mhux qed ikunu jistgħu jaraw min ikun tielgħa. | closed | Triq P.M. Vella | **Council** |
| 225 | 11/10/2021 | Talba għall-implimentazzjoni ta' mera tat-traffiku faċċata ta' daħla ta' garaxxijiet fi Triq P.M. Vella. | pending | Triq P.M. Vella | **Council** |
| 226 | 12/10/2021 | Refreshing of line markings fi Triq G Abos un/loading and *parking slots* quddiem il-ħwienet tan-negozju. | Settled | Triq Ġ Abos | **Council** |
| 227 | 12/10/2021 | Bankina sfrundata quddiem *zebra crossing* Triq G Abos u Triq il-Klin | Settled | Triq Ġ Abos | **Council** |
| 228 | 12/10/2021 | Leakage ta' ilma mill-meter il-barra 59, Triq Mons P P Saydon | pending | Triq Mons. P. P. Saydon | **W.S.C** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 229 | 13/10/2021 | Hemm irwejjaħ ta' drenaġġ fi Triq Ġeronimo Abos. | pending | Triq Ġeronimo Abos | **W.S.C** |
| 230 | 13/10/2021 | Bozza fuq arblu quddiem 13 Triq Alfred Gerada ilha tinqata xi 4 snin | sent reminder | Triq Alfred Gerada | **ENEMALTA** |
| 231 | 13/10/2021 | Ilmenti dwar ħsejjes mill-culverts u manholes fi triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **Infrastructure Malta** |
| 232 | 14/10/2021 | Hemm manhole fi Triq il-Wied li mtliet bil-haxix. Biex titnaddaf. | pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 233 | 16/10/2021 | Dawl ta' Triq G Locano mitfi | pending | Triq G Locano | **ENEMALTA** |
| 234 | 18/10/2021 | Hemm bozza tixghel u titfi fi Triq Guze' Bonnici c/w Triq Dun Karm. | pending | Triq Ġużè Bonnici c/w Triq Dun Karm | **ENEMALTA** |
| 235 | 18/10/2021 | Talba biex jitnaddaf sprall tal-ilma fi Triq il-Ħwawar | pending | Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 236 | 18/10/2021 | Bozza mall-ħajt ta' 109, Triq Ċensu Busuttil mitfija | pending | Tiq Ċensu Busuttil | **Council** |

## 38.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

38.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

38.8.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

38.8.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Godwin Catania.

38.8.4 Awtorizazzjoni għax-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' tidif ta' materjal goff u kull skart ieħor fi Triq Dott. Pawlu Grech mingħand

il-fornitur Charlie Mifsud għall-prezz ta' Eur1775.90c VAT inkluż; *Nem con*.

2. Kwotazzjoni għal servizz tal-indafa tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u tas-Sala mingħand il-fornitur Eximus Services Ltd għal rata ta' Eur9.50 ex Vat kull siegħa; *Nem con*.

3. Kwotazzjoni għax-xiri ta' (50) 3-Day per page Diaries mingħand il-fornitur Printex Ltd għall-prezz ta' Eur105.00 ex VAT; *Nem con*.

4. Kwotazzjoni għax-xiri ta' (8) heavy duty bollards CE ingħand il-fornitur Koptasin għall-prezz ta' Eur881.60 ex VAT; *Nem con*.

5. Tiġdid ta' *Leasing Agreement for Printing Equipment* għal perjodu ta' sentejn li jagħlaq fl-1 ta' Settembru 2023; *Nem con.*

6. Kwotazzjoni nru. 1 għas-servizz ta' tiżjin għall-Milied 2021 mingħand il-fornitur Caruana Light Decor għall-prezz ta' Eur1475.00c; *Nem con*.

7. Kwotazzjoni nru. 2 għas-servizz ta' tiżjin għall-Milied 2021 mingħand il-fornitur Caruana Light Decor għall-prezz ta' Eur2,637.30c; *Nem con*.

8. Kwotazzjoni għas-servizz ta' kiri ta' (15) il-antarjola, ġarr u armar mingħand il-fornitur Għaqda Festi Esterni Lija għall-Milied għall-prezz ta' Eur708.00; *Nem con*.

## 38.9 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

38.9.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

38.9.2 Applikazzjoni PA 05017/21 – 16, Warda, Triq il-Plejju Iklin. 'Demolition of parapet wall, excavation under front garden to construct underlying domestic store. To sanction minor internal alterations.

## 38.10 DISKUSSJONI DWAR RESIDENTS' PARKING SCHEME

38.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill kien qed jirċievi diversi talbiet minn individwi biex jottjenu Residents' Parking Permit. Huwa spjegja li l-prassi kienet li dan il-permess jingħata lil min jirrisiedi fl-Iklin wara li jkun ipprovda dokumentazzjoni bħala evidenza.

Żied jgħid li t-talbiet qed jaslu minn individwi li mhux neċessarjament għadhom jirrisiedu L-Iklin, talbiet oħra dwar każijiet soċjali u talbiet oħra minn impjegati li jaħdmu fl-Iklin.

Informa wkoll li s-sistema ta' *Timed Parking* f'ċertu żoni fl-Iklin l-aktar fil-parti kummerċjali kienet ġiet introdotta snin ilu però wara dawn is-snin, il-Kunsill jista jikkunsidra jirrevedi l-iskema. Għamilha ċara li l-kunċett huwa tajjeb però issa li għadda ż-żmien mill-introduzzjoni tagħha, il-Kunsill jista jevalwa s-sitwazzjoni preżenti u jara jekk hemmx lok li wieħed jadatta għaż-żminijiet ta' llum.

Bl-ebda mod ma kien qed jikkunsidra li l-iskema ta' 'Timed Parking' tiġi abortita però l-Kunsill dejjem jista jikkunsidra reviżjoni.

Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ dan is-suġġett għad-diskussjoni.

38.10.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit beda billi rringrazzja lis-Sindku li ressaq dan is-suġġett għad-diskussjoni peress li kien qed jiġi avviċinat minn numru ta' individwi li għandhom konnessjoni mal-Iklin u fejn qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġu jaraw lill-ġenituri tagħhom minħabba r-restrizzjonijiet li ġġib magħha 'Timed Parking scheme' u d-diffikultajiet ta' nuqqas ta' spazji għall-parkeġġ. Żied jgħid li l-familjari li jiġu jaraw lill-ġenituri qed ikunu suġġett għal multi mill-Uffiċċjali tal-Komunità. Il-Kunsillier Zammit informa li s-sitwazzjoni fl-Iklin iggravat matul dawn l-aħħar snin u ikkritika lill-Aġenzija LESA għal mod ta' kif l-Uffiċċjali tal-Komunità bħal donnhom iridu jilħqu *target sales* tagħhom u jħarrku mingħajr ħniena.

Il-Kunsillier Zammit għadda suġġeriment biex il-Kunsill jikkunsidra li jirrevedi *Residents' Parking Permit* u joħloq ċertu kriterji ta' kif wieħed ikun eliġibbli għal dan il-permess awtorizzat mill-Kunsill. Il-Kunsillier Zammit irrimarka li ċertu talbiet ikunu ġenwini u l-Kunsill għandu jikkunsidra kriterji ġodda anke jekk tali permess ikun validu għal perjodu definit.

38.10.3 Il-Kunsillier Godwin Catania qal li huwa kien xettiku dwar l-iskema ta' *Timed Parking* scheme għaliex awtomatikament din l-iskema qed titfa piż fuq toroq oħra fl-Iklin u lokalitajiet ġirien.

38.10.4 Is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka li s-sistema tat-Timed Parking hija sistema li taħdem u l-fatt li min jabbuża jkun suġġett għall-multa tidher li hija waħda effettiva. Però jemmen li rridu nsibu l-bilanċ. *Da parte* tal-Kunsill, ma jara l-ebda diffikultà li ssir reviżjoni u jieħu in kunsiderazzjoni dwar min jista jkun eliġibbli għal Residents' Parking Permit partikolarment fejn ikun hemm każijiet ta' mard fil-familji. Dan dejjem wara li l-applikanti jkunu ppreżentaw ċertifikat mediku bħala evidenza. Fis-soċjetà li qed ngħixu fiha, jeżistu sitwazzjonijiet diversi u l-Kunsill irid jagħraf jindirizza dawn it-talbiet.

Fir-rigward tal-impjegati li jaħdmu fl-Iklin, is-Sindku fakkar li l-istabbilimenti l-kbar fl-Iklin għandhom ukoll il-faċilità tal-parkeġġ fejn l-impjegati u l-utenti jistgħu jagħmlu użu minn dawn il-faċilitajiet ta' parkeġġ.

Barra minnhekk, l-iskema ta' *Timed Parking* ma tkoprix ir-raħal kollu tal-Iklin u għaldaqstant jistgħu jagħmlu użu mill-ispazji ta' parkeġġi disponibbli fil-lokalità.

38.10.5 Wara diskussjoni wiesgħa, kien deċiż li għandu jsir eżerċizzju billi jittieħed *stock of the situation* biex jiġi kkwantifikat in-numru ta' parkeġġi fiż-żoni disinjati bħala *Timed Parking* madwar L-Iklin. Din l-informazzjoni tista tkun utli għall-Kunsill biex ikun jista jifforma deċiżjoni ibbażata fuq riċerka u studju.

Fir-rigward ta' *Residents' Parking Permit*, kien issuġġerit li jsir eżerċizzju dwar in-numru ta' permessi li ħarġu mill-Kunsill f'dawn l-aħħar snin biex il-Kunsill jassessja wkoll il-validità tal-imsemmija permessi.

Fl-aħħarnett, kien hemm qbil unanimu li għandha ssir reviżjoni fil-proċedura u jiġu stabbiliti kriterji dwar l-eliġibilità għall-akkwist ta' *Residents' Parking Permit*. B'dan il-mod, il-Kunsill ikun jista japplika proċedura stabbilita għall-konċessjonijiet temporanji mitluba minn applikanti li jkunu qed jitolbu tali konċessjoni wara li t-talba tkun ġustifikata bi preżentazzjoni ta' dokumenti rilevanti.

**38.11 FESTI NATALIZJI 2021**

38.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kienu nġiebu kwotazzjonijiet biex jiġi kkummissjunat kuntrattur biex itella tiżjin tal-Milied fi Pjazza Ninu Cremona, Triq Anton Buttigieg, Triq Ġeronimo Abos u Triq San Mikiel.

Is-Sindku fakkar fi skema li ħareġ il-Kunsill Reġjonali Ċentru proprju biex Kunsilli jibbenifikaw minn fondi biex isir tiżjin tal-Milied fil-lokalitajiet. L-ammont ta' Eur3,000 jista jintuża għal dan l-iskop.

Is-Sindku informa li ġiet eliminata l-ideja li tintrama siġra tal-Milied f'nofs l-ispazju miftuħ fi Pjazza Ninu Cremona minħabba periklu u riskji oħra. Kien għalhekk li ġie deċiż biex minflok isir tiżjin tad-dawl mas-siġar tal-ficus fi Triq Anton Buttigieg. Jekk dejjem ikun hemm il-kunsens tal-Kunsill, hemm il-faċilità li nieħdu *supply* tad-dawl minn *store* li għandu l-Kunsill fil-viċinanzi.

Fuq proposta tal-Kunsillier Zammit, is-Sindku Dott. Sciberras qal li huwa kien jaqbel perfettament fil-ħsieb li l-Kunsill jipprova jagħmel tiżjin f'diversi żoni madwar L-Iklin u jappoġġja l-ideja li jsir tiżjin bid-dawl fi Triq San Mikiel bħala waħda mill-*entry points* tal-Iklin.

Matul il-ġranet u l-ġimgħat li ġejjin, il-Kunsill se jkun qed jaħdem fuq il-loġistika biex isiru l-permessi meħtieġa mal-ARMS Ltd biex jinxtegħlu wkoll *Christmas motifs* fi

*round-about* li tmiss ma' Triq Ġeronimo Abos k/m Triq il-Wied u Triq San Mikiel.

Fir-rigward tal-laqgħa li saret ftit tal-jiem ilu tas-sotto-kumitat ippresedut mill-Kunsillier Emanuel Zammit u Bernice Farrugia dwar il-programm tal-festi natalizji għal din is-sena, is-Sindku Dott. Sciberras informa li minħabba r-restrizzjonijiet li għadhom *in vigore* mill-Awtorità tas-Saħħa, il-ħsieb li nistiednu element bandistiku nhar is-7 ta' Diċembru biex iferraħ it-toroq tal-Iklin b'innijiet tradizzjonali tal-Milied fiż-żona residenzjali/kummerċjali mhuwiex permissibbli. Dan kien ikkonfermat mis-Segretarju Eżekuttiv wara li tkellem ma' Uffiċċjal mill-Għaqda Każini tal-Baned. L-unika possibilità hu li jsir kunċert *seated* però b'dan il-mod ma jkunx qed jintlaħaq l-iskop tal-Kunsill.

Kien deċiż li nistennew sal-ewwel ġimgħa ta' Novembru biex il-Kunsill jara jekk jiġux rilaxxati xi miżuri u terġa ssir diskussjoni.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill iġorr parti mill-ispiża dment li tkun affordabbli għall-Kunsill. Is-Sindku Dott. Sciberras qal li l-komunità tal-Iklin jixirqilha l-aħjar u l-Kunsill m'għandux jiddependi biss fuq skemi li joħorġu l-Kunsill Reġjonali Ċentru jew id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. L-importanti li l-ispiża tkun maniġġabbli għall-Kunsill.

38.11.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprovaw l-ispiża għat-tiżjin tal-Milied 2021. Kien hemm qbil unanimu li japplikaw għall-iskema li ħareġ il-Kunsill Reġjonali Ċentru biex il-Kunsill jottjeni l-ammont ta' Eur3,000.

38.11.3 Il-Kunsill approva unanimament.

## 38.12 TALBIET GĦAL NEW STREET LIGHTING FIL-LOKAL

38.12.1 Dan is-suġġett ma ġiex diskuss waqt is-seduta.

**38.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

38.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Novembru 2021 fil-5.30 p.m.

38.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Novembru 2021 fil-5.30 pm.

38.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.59 p.m.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |